**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 15 ta' Jannar 2025**

Rikors Numru: 555/24 AL

AB

vs

CBD

(M.R. Numru 675/1990)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

Illi l-partijiet izzewgu fit-11 ta' Mejju 1990 (Ara Dok A anness) u min dan iz-zwieg kellhom wild li illum ghandu tletin sena.

Illi l-partijiet ilhom de facto separati ghall numru twil ta' snin, fil-waqt li ilhom legalment separati b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Bernice Gatt sa mill-21 ta' Awissu tas-sena elfejn u erba u ghoxrin (2024) (Ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragnevoli ghal rikonciljazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimata stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ir-rikorrenti fforma rabta ma persuna ohra;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut stante li fuq il-kuntratt anness l-partijiet kienu iddekadew mid- dritt li jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin. (klawsola A 3 tal-kuntratt)

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond 1-Artikolu 668 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil din I-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid- Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Dicembru, 2024;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twiegeb li m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-

partijiet ilhom de facto separate ghal numru twil ta' snin u legalment separati mill-21 ta' Awwissu 2024.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir res judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.